MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 676/2007

**Talba Nru: 676/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Clinton Cachia (ID 582081M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija, erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm834.45c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgibu n-numru 21339994 u 21339995 u 21807970 u 21666184, skond

diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestat il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija, erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm834.45c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------